

32003R1571

6.9.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 224/17

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1571/2003
fil-5 ta' Settembru 2003.

li temenda l-ispeċifikazzjonijiet ta' isem illi qed jidher fl-Anness tar-Regolament (KE) Numru 1107/96 (Parmigiano Reggiano)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjoni ġeografika u d-denominazzjonii ta' l-orijini ta' prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel⁽¹⁾ kif fl-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 806/2003⁽²⁾ u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, saret talba mill-awtoritajiet Taljani fisem "Parmigiano Reggiano" irreġistrat bħala deskrizzjoni ta' l-orijini protetta mir-Regolament (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjoni ġeografika u d-denominazzjoni ta' l-orijini skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92⁽³⁾, emendat mir-Regolament (KE) Nru 1204/2003⁽⁴⁾, l-emenda tad-deskrizzjoni, metodu tal-produzzjoni, it-tikkettjar u r-regoli dwar l-għalf tal-baqar.
- (2) Wara li din it-talba għal emenda ġiet eżaminata, ġie deċiż illi l-emendi nvoluti huma sostanzjali.

- (3) Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 9 tar-Regolamenti (KEE) Nru 2081/92 u peress illi l-emendi huma sostanzjali, il-proċedura fl-Artikolu 6 tapplika mutatis mutandis.
- (4) Kien deċiż illi l-emendi f'dan il-każ huma skond ir-Regolament (KEE) Nru 2081/92. L-ebda oġġezzjoni, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament, ma ġiet konsenjata lill-Kummissjoni wara li dawn l-emendi ġew ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea⁽⁵⁾.
- (5) Għalhekk, dawn l-emendi iridu jġu rreġistrati u ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emendi li jinsabu fl-Anness ta' dan ir-Regolament kienu hawnhekk irreġistrati u ppublikati skond l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ għoxrin ġurnata wara illi jkun ppublikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fil-kumplessità tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Settembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 208, ta' l-24.07.1992, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 122, tas-16.05.2003, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 148, tal-21.06.1996, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 168, tal-5.07.2003, p. 10.

⁽⁵⁾ ĠU C 275, tat-12.11.2002, p.14 (Parmigiano Reggiano).

L-ANNEX

L-ITALJA

Parmigiano Reggiano

- Deskrizzjoni:
Il-forma tvarja fil-piż minħabba li l-għoli tagħha jista jkun ta' mhux inqas minn 20 ċm u mhux iktar minn 26 ċm. Il-forma ma tistax tiżen inqas minn 30 kilo.
It-tidlik biż-żejt tal-qoxra ta' barra tal-forma, għalkemm dan ffit li xejn isir, issa ma għadux isir peress illi kien qed ikun ta' żvantaġġ fil-*marketing* tal-prodott.
 - Metodu ta' Produzzjoni:
Huwa rikjest l-użu ta' ħalib mhux ippasturizzat. La jistaw jintużaw sħanat u l-anqas additivi.
It-taħlib tal-baqar, għal kemm żmien jista' jsir it-taħlib, il-konservazzjoni u t-tneħħija parzjali tal-krema illi titla' fil-wiċċ tal-ħalib ġo tankijiet miftuħin, iż-żieda ta' inoculum ta' xorrox naturali li huwa magħmul mill-aċidi tal-bqija tax-xorrox mill-ġurnata ta' qabel, il-koagulazzjoni tal-ħalib, it-taqtir tal-ġobon moxx u l-mudellar tal-ġobnijiet huma spjegati kif inhu xieraq skond il-prattika lokali, fdata, stabbilità u tradizzjonalment osservata.
 - Tikkettjar:
L-oriġini ta' dan il-ġobon huwa mmarrat fuq il-prodotti u tarġa mill-kaseina hi mwaħla bl-isem "Parmigiano Reggiano" flimkien ma' kodiċi sabiex il-prodott jista' jiġi identifikat u ttraċat b'mod preċiż.
Is-selezzjoni hija mmarkata mill-Consorzio di tutela del Parmigiano Reggiano permezz ta' sinjali indelibbli għal dawk il-kategoriji ta' selezzjoni li ġew verifikati minn aġenzija ta' l-ispezzjoni approvata.
 - Oħrajn – Regoli dwar l-għalf tal-baqar:
Lista speċifika ta' għalf projbit u *by-products*, jirrifletti t-tagħrif tekniku ta' dan iż-żmien dwar kif il-bhejjem għandhom jiġu nutriti.
Dawk l-aspetti tar-regoli dwar l-għalf illi ma għandhom ebda impatt fuq il-konnessjoni mat-territorju ġew issemplifikati waqt li l-istess regoli ġew stretti dwar l-użu tat-"*unifeed technique*" għall-amministrazzjoni ta' l-għalf.
-